MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Numru. 975/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**Vs**
**Michael Sammut**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 4 ta` Ottubru, 2013 migjuba fil-konfront ta` Michael Sammut, bin Paul u Rita nee` Kitcher, imwieled fid-9 ta` Ottubru, 1964, residenti l-Ghorfa, Sqaq numru 1, Triq il-Kandlora, Zebbug Malta u detentur tal-karta tal-identita` numru 605964M;

Fejn l-imputat gie akkuzat:

Talli f`dawn il-Gzejjer u cioe` Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, Malta nhar il-15 ta` Awwissu, 2013 ghal habta tat-8.10 ta` filghaxija minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta` Joseph Cordina f`periklu car, hebb ghalih u kkagunalu ferita ta` natura gravi, skond ma` ccertifika

Owen Mifsud M.D. reg no: 2953 mic-centru tas-sahha tal-Mosta.
Art. 216 ta` Kap 9.

Talli fl-istess hin u cirkostanzi b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni ghamel hsara, hassar jew gharraq jew kkawza hsara involontarja fuq vetturi VWR500, liema hsara tammonta ghal €683.04 u FIL600, liema hsara tammonta ghal €457.67 ghad-detriment ta` Philip Cassar ID:661750M.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b`ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor.

Rat li matul il-kors tal-ezami tieghu skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-Qorti hadet nota ta’ dan bil-miktub;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 15 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti hadet nota ta’ dan bil-miktub;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi prodotti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

**<u>L-ewwel Imputazzjoni</u>**

Fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni l-argumenti tal-Prosekuzzjoni, abilment maghmula mill-Ispettur Joseph Busuttil huma (fil-qosor) li f’dan il-kaz, ghalkemm huwa minnu li l-vitma Joseph Cardona meta xehed a fol 27 nhar it-22 t’Ottubru 2013 ghazel li ma jwegibx ghal diversi mistoqsijiet minhabba li beza li seta’ jinkrimina ruhu jekk

iwiegeb ghal mistoqsijiet dwar id-dinamika tal-argument li nqala' bejnu u l-imputat, xorta kien hemm provi li jikkonvincu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li nhar il-15 t'Awissu 2013 inqala' argument bejn l-imputat u Joseph Cardona li fih giet kagunata offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Cardona kif jixhed ukoll ic-certifikat mediku ezibit a fol 24 minn Michael Sammut. L-Ufficjal Prosekutur tenna li dan l-incident huwa wkoll konfermat mill-istess imputat meta fl-istqarrija tieghu a fol 13 et ikkonferma li huwa kien irritalja ghal daqqiet li qala' minghand Joseph Cardona u li kien beda jaghti lill Cardona bil-ponn kemm jiflah. Anzi l-imputat kompla jzid li lil Cardona kien tah bil-ponn u kien tah kemm felah u kien anke nnokjah. Dan kollu juri li f'dan il-kaz kellha tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

Id-difiza, abilment kondotta mill-Avukat Marion Camilleri, fi ftit kliem tenniet li ma kienx gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-fatt l-imputat kien ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Cardona. Joseph Cardona kien ghazel li ma jixhedx fir-rigward tal-incident u ghalhekk l-aqwa prova dwar dak li verament sehh nhar il-15 t'Awissu 2013 kienet mankanti. Tenniet li anke kieku biss wiehed kellu jistrih fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, bl-ebda mod dan ma jista jigi misjub responsabbli li huwa kkaguna offiza gravi volontarja fuq l-imputat. Sussidjarjament hija tenniet li anke jekk huwa minnu li fl-istqarrija l-imputat stqarr li huwa kien ta daqqiet lil Joseph Cardona, dan pero sehh *ex admissis* sabiex huwa jirritalja ghal daqqiet li kien qala precedentement minghand Joseph Cardona wara li kien l-istess Cardona li aggredih u hariglu d-demm minn wiccu. Ghalhekk f'dan il-kaz kien hemm lok ghall-legittima difesa li tirrendi l-offiza mhux imputabbli. In konkluzjoni l-Avukat Camilleri tenniet li jekk din il-Qorti kellha ssib xi htija fl-imputat, il-piena li kellha tigi inflitta kellha tkun wahda mhux karcerarja.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi din il-Qorti hija konfrontata bi stqarrija kategorika da parti tal-vittma Joseph Cardona li dan kien qieghed jirrinunzja ghall-kwerela li huwa ressaq kif ukoll kien qieghed jahfer lill-imputat ghal dak kollu li sehh u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali sa fejn tali rinunzja kienet legalment possibbli; apparti mill-fatt li ghazel li ma jixhedx fuq mistoqsijiet li kienu jolqtu d-dinamika tal-incident biex ma jinkriminax lilu innifsu.

Biss minkejja r-rieda komprensiva u perdonanti ta' Joseph Cardona, il-Qorti ttenni li dawn huma proceduri mehuda mill-Pulizija *ex officio* u ghalhekk il-mahfra ta' Joseph Cardona ma jostawx il-prosegwiment tal-proceduri penali fil-konfront tal-imputat, salv pero li l-Qorti tiehu konsiderazzjoni taghha (jekk ikun il-kaz) fil-komputazzjoni u l-erogazzjoni tal-piena.

Din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li nhar il-15 t'Awissu 2013 sehh incident li, kif tenniet il-Prosekuzzjoni, l-imputat ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Joseph Cardona. Dan jidher car mill-istqarrija tal-imputat stess.

Biss id-dinamika ta' kif zvolga dan l-argument, kif giet rekata din l-offiza fuq il-persuna ta' Joseph Cardona u, aktar importanti minn hekk, l-entita' ossija l-gravita tal-istess offiza qajla jsibu konfort fi provi li huma legalment ammissibbli quddiem qorti ta' gudikatura kriminali, bhal ma hi f'dan il-kaz. Din il-Qorti trid tistrieh biss fuq il-provi diretti u indiretti legalment ammissibbli prodotti quddiemha u ma tistax tissuplimenta karenzi probatorji b'ipotezi jew bi provi mhux legalment ammissibbli ghax ma jkunux jissodisfaw il-vot tal-Ligi.

Minhabba f'hekk din il-Qorti tqis l-istqarrija tal-imputat bhala l-unika prova diretta u legalment ammissibbli dwar id-dinamika tal-incident. Minn din l-istqarrija jirrizulta li *ex admissis* Michael Sammut stqarr li huwa kellu argument ma Joseph Cardona li ddegenera b'mod li l-imputat gie aggredit minn Cardona b'mod li sahansitra qala' daqqa ta' ponn fuq wiccu minghand Cardona u wara li rega laghblu daqqa ta' ponn ohra hariglu d-demm billi fargu. Ghal din l-

azzjoni l-imputat jghid li rreagixxa senjatament meta huwa ra d-demm ma wiccu. Minn hemmhekk l-imputat jammetti li beda jaghti daqqiet bil-ponn b'kemm jiflah fuq il-persuna ta' Cardona; u tant tah li waqqghu mal-art u Cardona talbu biex jieqaf. L-imputat jghid testwalment : "bdejt intih bil-ponn kemm niflah. Huwa waqa mal-art u beda jghajjat daqshekk issa enough u jien waqaft....Bil-ponn tajtu, tajtu kemm flaht u innokjajtu darba u qam u tela jigri l-fuq".

Il-Qorti hija b'hekk konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Cardona.

In-nuqqas ta' Cardona li jwiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu dwar id-dinamika tal-incident, cahdet lil din il-Qorti milli jkollha wkoll rendikont tal-qanpiena l-ohra dwar ezattament x'sehh f'dan il-kaz, dwar min verament provoka dan l-incident shih, dwar min kien l-aggressur u min kien il-vittma. Biss il-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti jwasluha li tikkonkludi li kien l-imputat vitma ta' aggressjoni li ghaliha, pero, irritalja b'certa forza li ma kienetx ezattament proporzjonata.

Oltre minn hekk, ghalkemm il-Prosekuzzjoni ezibiet certifikat mediku bhala prova tal-griehi subiti minn Joseph Cardona, din il-Qorti tosserva li ghalkemm verament gie anness dan ic-certifikat mediku mahrug minn Dr. Owen Mifsud, dan ic-certifikat la kien redatt u konfermat bil-gurament fis-sens tal-Artikolu 646(7) tal-Kodici Kriminali u l-anqas ma ngieb Dr. Owen Mifsud sabiex jikkonferma l-kontenut tal-istess certifikat. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tammetti dan ic-certifikat mediku bhala prova legalment ammissibbli fi procediment ta' natura penali, u sejjer ikollha tiskartah. B'hekk il-Qorti l-anqas ghandha prova legalment ammissibbli dwar in-natura tal-offiza kagunata fuq il-persuna ta' Joseph Cardona.

Il-Qorti ghalhekk tista tghid li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Joseph Cardona minghajr legalment ma tista tghid jekk hix offiza hafifa, gravi jew gravissima. Biss il-fatt li l-imputat jammetti li rregaxxa billi ta' daqqiet ta' ponn

b'kemm kellu sahha fuq il-persuna ta' Joseph Cardona minnu nnifsu jimplika li almenu kkaguna xi sens ta' ugiegh fil-persuna ta' Joseph Cardona, li minnu nnifsu jammonta ghal offiza, almenu ta' natura hafifa. Anzi dan huwa konfermat mill-imputat stess meta jtenni li meta Cardona waqa' ma l-art beda jghajjat "daqshekk issa enough" – fatt li juri zgur skonfort jekk mhux ukoll indirettament ugiegh kagunat mid-daqqiet inflitti mill-imputat. Dan juri li f'mument minnhom l-imputat mhux talli kien irpilja miz-zewgt daqqiet li qala talli gie f'posizzjoni ta' superjorita u kien wara li Cardona talbu li jieqaf milli jtih daqqiet li huwa effettivament waqaf. Biss ladarba Cardona ghazel li ma jixhedx fuq id-dinamika tal-incident, din il-verzjoni tal-imputat ma ssibx kontradizzjoni u tirrenja.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni probatorja, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li s-sitwazzjoni tal-imputat hija regolata bl-Artikoli 230(d), 227(d) u 223 tal-Kodici Kriminali. Huwa beda biex jirreagixxa ghall-aggressjoni li ssubixxa minn Cardona fuq il-persuna tieghu u b'hekk fil-bidu, l-offiza fuq il-persuna ta' Joseph Cardona bdiet tigi kagunata mill-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu. Izda l-imputat wara hareg barra mill-limiti imposti mill-Ligi u mill-bzonn stante li baqa ghaddej bid-daqqiet fuq il-persuna ta' Joseph Cardona u waqaf biss meta dan beda jimplorah biex jieqaf. Dan l-eccess pero ma sehhx f'cirkostanzi fejn imputat inhasad, beza jew twerwer.

Peress li l-Qorti ma ghandhiex prova ammissibbli dwar in-natura tal-offiza inflitta fuq il-persuna ta' Joseph Cardona ma tistax tikkonkludi li l-offiza kienet ta' natura gravi kif prospettata mill-Prosekuzzjoni. Mill-banda l-ohra l-Qorti hija konvinta li xi offiza giet kagunata mill-imputat u din l-offiza giet kagunata billi l-imputat ta' daqqiet ta' ponn fuq il-persuna ta' Joseph Cardona. Ma hemmx provi legalment ammissibbli li din l-offiza kienet ta' natura gravi u/jew li giet kagunata b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti qeghda taghti l-beneficcju tad-dubju lill-imputat u qeghda tikkonkludi li l-imputat ghalkemm ma kkagunax offiza ta' natura gravi fuq

il-persuna ta' Joseph Cardona, huwa kkaguna offiza ta' natura hafifa liema offiza hija minuri izda kompriza u involuta fl-offiza gravi imputata lilu fuq il-persuna ta' Joseph Cardona. Il-Qorti qeghda ssib ukoll li din l-offiza hafifa saret minghajr uzu ta' mezzi msemmija mill-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement applikando l-Artikolu 233(2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tal-offiza hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Cardona li fic-cirkostanzi qed tigi ritentuta skuzabbli fit-termini tal-Artikoli 230(d), 227(d) u 223 tal-Kodici Kriminali u peress li l-istess offiza skuzabbli qed tigi ritenuta li kienet ta' natura hafifa minghajr uzu ta' mezzi msemmija mill-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali, ai termini tal-Artikolu 233(2) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ma tistax timponi ebda piena fuq l-imputat.

**It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet**

Jekk fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kien hemm nuqqas ta' provi legalment ammissibbli, fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, il-provi li jorbtu l-imputat mal-allegati hsarat li rriskontra Philip Cassar u l-allegat ksur tal-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor huma sempliciment assenti. Anzi minn dak li rrizulta mid-deposizzjoni ta' Joseph Cardona, l-incident bejnu u l-imputat sehh fil-garage u parking spaces taht il-Blokka t'appartamenti fejn kien jirrisjedi Cardona u l-boghod sew minn fejn kienu parkeggjati l-vetturi allegatament danneggjati ta' Philip Cassar u fil-hin meta sehh dan l-incident ma kien hemm ebda persuna ohra hliefhom. Philip Cassar ma kienx prezenti fil-mument meta sehh l-argument bejn Cardona u l-imputat. U b'hekk ma kien hemm hadd iktar, hlief l-imputat u l-parte civile li fih dan l-incident setgha qajjem, imqar minimy ta' nkwiet jew thassib f'mohh **persuna ohra** dwar l-inkolumnita taghha jew tal-proprjeta taghha.

Cardona jixhed li l-basement fejn hemm il-car spaces de quo huwa kbir u l-argument bejnu u l-imputat sehh xi hmistax jew ghoxrin metru l-boghod minn fejn kienu parkeggjati l-karozzi ta' Cassar fit-tarf ta' wara nett tal-garage. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jeskludi li huwa waddab xi oggetti lejn Joseph Cardona u ma jidhirlux li laqat xi karozzi waqt l-argument. Ir-rabta tal-kawza u l-effett dannuz f'dan il-kaz ma gietx pruvata. Il-prezenza ta' terzi fuq il-post li assistew ghal dan l-incident, l-anqas.

Ghalhekk ma tistax tinstab htija fl-imputat fuq it-tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni.

**<u>Decide : -</u>**

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 216, 221(1), 223, 227(d), 230(d), 233(2), 328 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali qeghda ssib lill-imputat :

(a) mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u ghalhekk minnhom tilliberah minn kull htija u piena u

(b) filwaqt li ssibu mhux hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Cardona, qed issibu hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa, liema offiza hija minuri izda kompriza u involuta fl-offiza gravi imputata lilu fuq il-persuna ta' Joseph Cardona, izda liema offiza ta' natura hafifa hija skuzabbli fit-termini tal-Artikoli 230(d), 227(d) u 223 tal-Kodici Kriminali u peress li l-istess offiza skuzabbli qed tigi ritenuta ta' natura hafifa u minghajr uzu ta' mezzi msemmija mill-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali, ai termini tal-Artikolu 233(2) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti mhix timponi ebda piena fuq l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------